2025/1480

18.7.2025

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/1480

## tat-18 ta' Lulju 2025

## li jimplimenta r-Regolament (UE) 2023/2147 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' attivitajiet li jimminaw l-istabbiltà u t-tranżizzjoni politika tas-Sudan

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/2147 tad-9 ta' Ottubru 2023 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' attivitajiet li jimminaw l-istabbiltà u t-tranżizzjoni politika tas-Sudan [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 13(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fid-9 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2023/2147.

(2) Fis-27 ta' Novembru 2023, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ħareġ dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni, li fiha l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha tennew il-kundanna qawwija tagħhom tal-ġlied kontinwu bejn il-Forzi Armati Sudaniżi (SAF) u l-Forzi ta' Appoġġ Rapidu (RSF) u l-milizzji affiljati rispettivi tagħhom. Id-dikjarazzjoni ddeplorat ukoll l-eskalazzjoni drammatika tal-vjolenza u d-dannu irreparabbli li sar għall-ħajja tan-nies fid-Darfur u fil-pajjiż kollu, kif ukoll il-ksur tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali.

(3) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, jenħtieġ li żewġ individwi u żewġ entitajiet jiġu inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/2147.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2023/2147 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/2147 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Lulju 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. BJERRE

[1] ĠU L, 2023/2147, 11.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2147/oj.

*ANNESS*

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/2147 huwa emendat kif ġej:

(1) taħt l-intestatura “A. Persuni Fiżiċi”, jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

| | Isem | Informazzjoni ta’ identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| “11. | Abu Aqla Mohamed Ahmed KAIKAL | Nazzjonalità: Sudaniża<br>Sess: raġel<br>Funzjoni: Kmandant tal-milizzja affiljata tal-SAF<br>Entitajiet assoċjati: SAF | Abu Aqla Mohamed Ahmed Kaikal huwa Kmandant Militari Sudaniż li serva fil-Forzi ta’ Appoġġ Rapidu (RSF) fl-istat ta’ Jazira fis-Sudan sakemm telaq biex imur mal-Forzi Armati Sudaniżi (SAF) f’Ottubru 2024. F’Diċembru 2023, inħatar mill-RSF bħala Gvernatur tal-istat ta’ Jazira, wara li l-RSF b’mod vjolenti ħadu f’idejhom dik iż-żona. L-RSF huma responsabbli għal attakki fuq bliet u ċentri umanitarji fl-istat ta’ Jazira, li wasslu għal spostament massiv ta’ persuni ċivili, ġuħ, nuqqas ta’ mediċini u impediment tal-għajnuna umanitarja. L-istat ta’ Jazira speċifikament kien ċentru ta’ vjolenza mwettqa mill-RSF matul il-governanza ta’ Kaikal. Għaldaqstant, Abu Aqla Mohamed Ahmed Kaikal huwa responsabbli għal azzjonijiet u politiki li jheddu l-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà tas-Sudan. Barra minn hekk, huwa responsabbli għat-tmexxija ta’ atti fis-Sudan li jikkostitwixxu ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, u għat-tfixkil tat-twassil ta’ assistenza umanitarja fis-Sudan, l-aċċess għaliha u d-distribuzzjoni tagħha. | 18.7.2025 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 12. | Hussein BARSHAM | Nazzjonalità: Sudaniża<br><br>Sess: raġel<br><br>Funzjoni: Kmandant ta' operazzjonijiet militari tal-RSF<br><br>Entitajiet assoċjati: RSF; it-tribù ta' Misseria | Hussein Barsham huwa Kmandant ta' Operazzjonijiet Militari tal-Forzi ta' Appoġġ Rapidu (RSF), organizzazzjoni li ġiet akkużata minn organizzazzjonijiet internazzjonali mhux governattivi b'tindif etniku u saħansitra ġenoċidju kontra t-tribù Masalit u gruppi oħra mhux Għarab fid-Darfur.<br><br>Bħala Kmandant, Hussein Barsham mexxa suldati tal-RSF fil-ħtif tal-ajruport ta' Baleela mill-Forzi Armati Sudaniżi (SAF), u l-ħtif ta' lokalitajiet fl-istat ta' Kordofan tal-Punent, bħal Meiram. Kellu rwol ewlieni fl-operazzjonijiet tal-RSF li rriżultaw f'atroċitajiet tal-massa, inkluż qtil immirat, vjolenza etnika, spostament furzat, u vjolenza kontra persuni ċivili, b'mod partikolari fid-Darfur u reġjuni oħra tas-Sudan milquta minn kunflitti. Taħt il-kmand tiegħu, il-forzi tal-RSF kienu involuti fi qtil tal-massa u atroċitajiet. Barsham kien involut fil-ġlied fir-reġjun ta' Kordofan. Mexxa attakki fuq diversi lokalitajiet u kien preżenti fis-siti ta' atroċitajiet u eżekuzzjonijiet tal-massa mwettqa minn suldati taħt il-kmand tiegħu. Tali atti jikkostitwixxu delitti tal-gwerra.<br><br>Hussein Barsham huwa għalhekk responsabbli għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà tas-Sudan. Huwa responsabbli wkoll li dgħajjef l-isforzi biex terġa' tibda t-tranżizzjoni politika fis-Sudan u li mexxa jew wettaq atti fis-Sudan li jikkostitwixxu ksur jew abbuż serji tad-drittijiet tal-bniedem jew ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali." | 18.7.2025"; |

(2) taħt l-intestatura “B. Entitajiet”, jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

| | Isem | Informazzjoni ta’ identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| “7. | Alkhaleej Bank Co Ltd<br>magħruf ukoll bħala:<br>Khaleej Bank;<br>Al Rowad Bank For Development & Investment;<br>Al Rowad Bank For Development And Investment;<br>Al-Khaleej Bank;<br>بنك الخليج | Indirizz: Albaraka Tower, 6th Floor, 1 Al Qasr, Khartoum, Sudan<br>Sit web: https://al-khaleejbank.com/alkhaleej/<br>Tip ta’ entità: istituzzjoni finanzjarja<br>Numru tar-reġistrazzjoni: SUDAN-EO14098<br>Post prinċipali tan-negozju: Khartoum, Sudan<br>Individwi jew entitajiet assoċjati: Mustafa Ibrahim ABDEL NABI MOHAMED dežinjat mill-Unjoni fl-24.6.2024; Musa Hamdan Dagalo Musa, ħu l-Kmandant tal-RSF Mohamed Hamdan Dagalo; Shield Protective Solutions Co. Ltd. (Sudan) | Alkhaleej Bank Co Ltd (‘Alkhaleej’) għandu rwol essenzjali fl-isforzi tal-Forzi ta’ Appoġġ Rapidu (RSF) biex jiffinanzjaw l-operazzjonijiet tagħhom, u hekk jikkomplika l-isforzi biex jitwaqqaf il-ġlied fis-Sudan. Alkhaleej huwa fil-biċċa l-kbira tiegħu proprjetà ta’ kumpaniji marbuta ma’ membri tal-familja tal-Kmandant tal-RSF Mohamed Hamdan Dagalo (Hemedti) u huwa għalhekk meqjus bħala li huwa kkontrollat mill-RSF.<br>Qabel u waqt il-gwerra, l-RSF stabbilew networks finanzjarji kumplessi li jużaw profitti min-negozju tagħhom fid-deheb biex jiffinanzjaw armi, pagi u kampanji tal-media, u biex jiksbu appoġġ politiku. Jikkontrolla network ta’ mhux aktar minn 50 kumpanija, inkluż Alkhaleej, li sar finanzjatur ewlieni u f’Marzu 2023 rċieva USD 50 miljun mill-Bank Ċentrali tas-Sudan. Barra minn hekk, Alkhaleej għandu rabtiet bankarji internazzjonali li jippermettu lill-RSF joperaw fis-sistema finanzjarja globali. In-network ta’ Hemedti allegatament huwa s-sid ta’ porzjon sinifikanti ta’ Alkhaleej, b’xi stimi jissuġġerixxu kontroll tal-maġġoranza.<br>L-attivitajiet kummerċjali tal-RSF huma mifruxa fuq diversi setturi, inkluż it-trasport, il-kostruzzjoni, l-agrikoltura, u s-settur bankarju, li jagħmlu lil Hemedti wieħed mill-aktar figuri sinjuri u b’saħħithom tas-Sudan. Alkhaleej għandu rwol kruċjali f’dawk l-operazzjonijiet għax joffri għajnuna finanzjarja diretta jew indiretta lill-RSF.<br>Bħala finanzjatur ewlieni u faċilitatur tal-RSF u tal-attakki u l-azzjonijiet armati tagħhom, Alkhaleej Bank Co Ltd huwa għaldaqstant involut direttament jew indirettament fl-għoti ta’ appoġġ għal azzjonijiet jew politiki li jheddu l-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà tas-Sudan jew qed jibbenefika minnhom. | 18.7.2025 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 8. | Red Rock Mining Company<br><br>magħrufa wkoll bħala Red Rock Ltd | Indirizz: Blok 9, Kafory, Khartoum, Sudan<br><br>Telefon: + 249 1203 47711<br><br>Sit web: https://redrockmining.co/contact-us/#<br><br>Posta elettronika: corporate@redrockmining.net<br><br>info@redrocksd.com<br><br>Tip ta' entità: kumpanija tal-minjieri<br><br>Data tar-reġistrazzjoni: is-sittinijiet<br><br>Numru tar-reġistrazzjoni: ID tal-grupp: 16463<br><br>Post prinċipali tan-negozju: l-Emirati Għarab Magħquda<br><br>Indirizz: Office 320, Emarat Atrium Building, Business Bay, Dubai, United Arab Emirates<br><br>Individwi jew entitajiet assoċjati: SMT Engineering | Red Rock Mining Company hija kumpanija tal-estrazzjoni u l-esplorazzjoni tal-minjieri. Il-kumpanija omm tagħha hija SMT Engineering (SMT), li hija soġġetta għal miżuri restrittivi mill-Unjoni, mill-Istati Uniti u mir-Renju Unit. SMT hija azzjonist konġunt ewlieni, flimkien ma' Defense Industries System (DIS), fi tliet kumpaniji involuti fil-produzzjonijiet ta' armi u vetturi għall-Forzi Armati Sudaniżi (SAF).<br><br>Is-settur tal-minjieri huwa ta' importanza partikolari biex jalimenta l-kunflitt. Iż-żoni tal-estrazzjoni mill-minjieri spiss ikunu marbuta ma' żoni tal-gwerra u jirrappreżentaw siti strateġikament importanti li l-partijiet fil-kunflitt ikunu jridu jikkonkwistaw, u dan iżid il-kompetizzjoni u t-tensjonijiet. Red Rock Mining Company hija preżenti u attiva fis-Sudan. Barra minn hekk għandha konċessjoni qrib al Damazin, li ttieħdet mill-SAF fl-2012.<br><br>Red Rock Mining Company tipprovdi finanzjament lill-gruppi armati responsabbli għall-kunflitt Sudaniż, bl-aktar mod prominenti lill-SAF. Red Rock Mining Company hija azzjonista, għandha sehem ta' 99 % f'Advanced Mining Works, li hija parti min-network multisettorjali ta' korporazzjonijiet u parteċipazzjonijiet azzjonarji mmexxija mill-kumpanija omm GIAD. Fost affarijiet oħra, GIAD hija involuta fil-produzzjoni ta' armi u vetturi għall-SAF, kif ukoll fil-forniment ta' servizzi. Il-konglomerat GIAD huwa kkontrollat mill-SAF permezz tad-DIS.<br><br>Għaldaqstant, Red Rock Mining Company hija entità li tipprovdi appoġġ lill-azzjonijiet jew il-politiki li jheddu l-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà tas-Sudan. Hija assoċjata wkoll ma' individwi u entitajiet dežinjati. | 18.7.2025". |